**9 ta' Settembru, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Giovanna Mifsud

*versus*

P.C. Luccardo sive Richard Vella et.

**Offiża Personali — Kwerela — Denunċja — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 389(2) u 251 tal-Kodiċi Kriminali.**

*F'kawża ad istanza privata dwar offiża fuq il-persuna, avvolja l-imputazzjoni oriġinarja u l-kwerela kienu dwar reat fejn l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jappartjeni lill-parti offiża, jekk jirriżulta fil-fatt li kien każ ta' reat persegwibbli "ex officio", il-Maġistrat jista' jsib l-imputat ħati tar-reat per-*

*segwibbli "ex officio" fuq dik l-istess krerela u imputazzjoni. F'dan il-każ, il-kwerela magħmula għall-imputazzjoni oriġinarja sservi ta' denunċja għar-reat li jirriżulta.*

*Verament, il-liġi ma tipprovdix għal kwistjoni simili; iżda ma kienetx neċessarja dispożizzjoni speċjali għal hekk, minħabba fil-prinċipji li jirregolaw l-inkriminazzjoni quddiem il-Qrati Inferjuri ta' Ġudikatura Kriminali u n-natura stess tal-azzjoni penali.*

*Jekk il-kwerelat jappella mis-sentenza li ssibu ħati u tikkundannah, u tikkundannah anki jħallas l-ispejjeż tal-kawża, il-pożizzjoni ġurid'ka hija din. Meta l-Ewwel Qorti sabet lill-kwerelat ħati ta' reat divers minn dak oriġinarjament dedott kontra tiegħu, li kien a kwerela, hija impliċitament illiberatu minn dik l-imputazzjoni; konsegwentement il-Qorti kellha wkoll tiddeċidi fuq il-kap tal-ispejjeż; imma dak il-kap ġie deċiż irrevokabbilment, għax konness mal-imputazzjoni oriġinarja li ma għadhiex teżisti, u l-imputat ma jistgħax jappella minnu iżolatament; u l-appell jibqa' ċirkoskritt fuq il-fatt li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-imputat taħt id-dispożizzjoni tal-liġi li taħtha nstab ħati. Għall-finijiet ta' dan l-appell, kif inhu minn deċiżjoni li tirrigwarda reat persegwibbli "ex officio", kien neċessarju l-intervent tal-Avukat tal-Kuruna, u dak li k'en kwerelant fl-Ewwel Qorti jidher fit-tieni istanza bħala xhud.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni magħmula, fuq kwerela ta' Giovanna Mifsud, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kontra Luccardo sive Richard Vella u Maria sive Marianna Vella, illi f'dawn l-aħħar tliet xhur, il-Mellieħa, huma sawwtu lill-istess Giovanna Mifsud, skond iċ-ċertifikat tat-tabib distrettwali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' April 1958, li biha l-imputati ġew misjuba "ħatja ta' ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-kwerelanti f'rissa li fiha ħadu parti kontra l-istess kwerelanti, mingħajr ma ġie pruvat min minnhom ikkaġuna l-imsemmija ferita", u ġew kundannati kull wieħed għall-ammenda ta' £1 taħt l-art. 251 (1) tal-Kodiċi Kriminali, u ordnati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-rikors tal-imputati, u bih talbu r-revoka tal-istess sentenza;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Għalkemm fis-sentenza appellata d-dikjarazzjoni ta' reità mhix skond ma hu redatt l-artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali, l-istess dikjarazzjoni sostanzjalment tikkontjeni r-rekwiżiti tar-reat hemm previst, u l-fatt kif espost fis-sentenza appellata jirrelata dawk ir-rekwiżiti. L-imputati, għalhekk, fit-termini tal-istess artikolu, ġew misjuba ħatja li f'rissa aċċidentali, fejn Giovanna Mifsud irriportat offiża ta' natura ħafifa mingħajr ma nstab min kien l-awtur tal-offiża, huma ħadu parti attiva kontra tagħha;

Id-difensur tal-appellanti assolleva l-kwistjoni jekk setgħetx l-Ewwel Qorti, fuq ir-riżultat tal-provi, issib lill-imputati ħatja ta' reat persegwibbli mill-Pulizija "ex officio", bħal ma hu r-reat kontemplat fl-art. 251, meta l-imputazzjoni oriġinarja kienet ta' reat fejn l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jappartjeni lill-parti offiża;

Il-liġi ma tipprovdix espressament għal eventwalità bħal dik in kwistjoni, mentri l-art. 389(2) tal-Proċedura Kriminali, bi prevalenza għall-interess repressiv, espressament jawtorizza lill-Qorti Inferjuri tiġġudika fil-kompetenza tagħha fuq reat li jirriżulta mill-provi li għalieh l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jkun jappartjeni lill-parti offiża, jekk din ma tidherx biex tirrinunzja għall-azzjoni. Iżda, mentri hawnhekk kienet meħtieġa dispożizzjoni espressa tal-liġi, għax altrimenti l-Qorti ma kienetx tkun tista' tiġġudika fuq dak ir-reat, għall-ipotesi bħal dik tal-każ preżenti ma kienetx neċessarja dispożizzjoni speċjali, imħabba fil-prinċipji li jirregolaw l-inkriminazzjoni quddiem il-Qorti Inferjuri ta' Ġudikatura Kriminali u n-natura stess tal-azzjoni penali;

Huwa prinċipju sanzjonat mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, illi fil-Qrati Inferjuri bħala tribunali ta' ġudikatura kriminali l-imputazzjoni dedotta fiċ-ċitazzjoni mhix il-bażi

*essenzjali* u assoluta tal-inkriminazzjoni, u dawk il-Qrati jistgħu jsibu lill-imputat ħati ta' reat ieħor ta' kompetenza tagħhom, salv li jingħata lill-imputat żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni l-ġdida. Dan iż-żmien lanqas hu indispensabbli meta r-reat l-ieħor ikun sostanzjalment dedott, b'mod li d-difiża għall-ewwel imputazzjoni kienet tgħodd għall-oħra;

Għalkemm kulltant il-liġi tħalli f'idejn il-privat il-promozzjoni tal-azzjoni kriminali per mezz tal-kwerela, u f'ċerti *każi anki l-istess eżerċizzju tagħha, u tagħtieh il-fakoltà li* jwaqqaf il-proċediment per mezz tad-deżistenza, il-ġudizzju u l-applikazzjoni tal-piena jsiru fl-interess ġenerali tas-soċjetà, u mhux tal-privat individwalment. L-azzjoni penali, bħala attività ta' l-Istat għall-attwazzjoni tad-dritt penali obbjettiv, hija essenzjalment publika, u tappartjeni lill-Gvern (art. 4 Kod. Krim.). Il-kwerela hija sempliċi narrazzjoni ta' fatt bl-istanza għall-punizzjoni tal-ħati; liema fatt iservi ta' bażi għall-promozzjoni tal-ġudizzju; imma d-definizzjoni ġuridika tal-fatt, skond ma jirriżulta mill-*provi, tappartjeni lit-tribunal. Darba attivata l-funzjoni* ġurisdizzjonali tat-tribunal, ankorkè bi kwerela, din il-funzjoni tkopri anki riżultanzi li jkunu jikkostitwixxu reat persegwibbli mill-Pulizija "ex officio", kif taħt l-art. 389(2) tal-Proċedura Kriminali, fuq riferit, tikkopri riżultanzi ta' reat persegwibbli fuq kwerela jekk l-offiż ma jirrinunzjax għall-azzjoni;

Inoltre, kif fil-kwerela ssir l-istanza għall-punizzjoni tal-ħati, tant il-kwerela kemm id-denunzja għandhom l-istess forma u kontenut (art. 533 Proċ. Krim.); Manzini (*Diritto* Processuale Penale, Vol. IV, p. 21):— "La querela contiene la denuncia in potenza; così che, se il giudice ritiene che essa riguardi un reato perseguibile d'ufficio, acquista "ipso jure", senza bisogno di alcun atto di privata volontà, il carattere di denuncia in senso stretto perdendo naturalmente quello di querela, per riacquistarlo soltanto quando, nel caso di procedimento, risulti che si tratta realmente di reato perseguibile a querela di parte". U aktar il-quddiem: — "Se l'offeso si querela per un fatto delittuoso che erroneamente ritiene perseguibile a querela, mentre invece *il* ma-

gistrato accerta che è perseguibile d'ufficio, il suo atto non perde valore, poichè acquista quello della denuncia, la querela avendo la stessa forma e lo stesso contenuto della denuncia";

Borsari-Casorati (Proc. Pen. It. II, p. 299), fil-komment għall-art. 120 tal-viġenti kodiċi tal-proċedura penali taljan, li kien jipparifika, kwantu għall-estinzjoni tal-azzjoni penali, in-nuqqas ta' domanda għall-punizzjoni u d-deżistenza, jagħmlu dan il-komment:— "Ma l'efficacia estintiva della desistenza non può manifestarsi se non quando sia ben certo che il fatto è di natura privata. Potrebbe invece accadere che taluno avesse sporto querela per una offesa ricevuta, e che però non fosse ben chiaro il carattere privato di questa. Allora la desistenza non potrebbe arrestare istantaneamente l'azione penale, e l'esercizio di essa dovrebbe proseguire fino a quando tale carattere chiaramente risultasse; e quando questo non si verificasse, è naturale che tanto la querela quanto la desistenza sarebbero considerate come non esistenti, essendo operativa l'azione pubblica che appartiene al magistrato";

Hekk, meta rriżulta f'dal-każ reat persegwibbli "ex officio", l-Ewwel Qorti setgħet tiġġudika fuqu, u l-kwerela magħmula għall-imputazzjoni oriġinarja serviet ta' denunċja għar-reat li rriżulta;

Ir-reat kontemplat fl-art. 251(d) mhux aktar gravi minn dak oriġinarjament imputat, lanqas fil-konfronti ta' Maria Vella, li ġiet imputata ta' swat li jikkostitwixxi offiża ta' natura ħafifa u importanza żgħira, billi l-piena relattiva, skond l-art. 235(3) (b) tal-Kodiċi Kriminali hija dik tal-kontravvenzjonijiet, kif inhi il-art. 251(d) li taħtu hija ġiet kundannata. Lanqas ma kien neċessarju, f'dan il-każ partikulari, li l-Ewwel Qorti tagħti żmien ulterjuri lill-imputati biex jiddefendu ruħhom fuq ir-riżultanzi subordinati, billi d-difiża fuq l-imputazzjoni dedotta oriġinarjament, kif jidher mill-fatt relatat fis-sentenza, serviet għar-reat riżultat;

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti ordnat lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża. Il-pożizzjoni ġuridika hija din. Meta l-Ewwel Qorti sabet lill-imputati ħatja ta' reat divers minn dak imputat oriġinarjament, li kien a kwerela, hija impliċitament illiberathom minn dik l-imputazzjoni. Konsegwentement, skond l-art. 392(1) tal-Proċedura Kriminali, il-Qorti kellha tiddeċidi fuq l-ispejjeż relattivi, kif fil-fatt għamlet. Dan il-kap ġie irrevokabbilment deċiż, għax konness mal-imputazzjoni oriġinarja li ma għadhiex teżisti, u l-imputati ma jistgħux jappellaw minnu iżolatament. Għalhekk, l-appell jibqa' ċirkoskritt fuq il-fatt in kwantu jirrigwarda r-responsabbiltà tal-imputati taħt l-art. 251(d) li taħtu ġew misjuba ħatja;

Għall-finijiet ta' dan l-appell, kif inhu minn deċiżjoni li tirrigwarda reat persegwibbli "ex officio", kien neċessarju l-intervent f'din l-istanza tal-Avukat tal-Kuruna, u Giovanna Mifsud dehret bħala xhud;

**Ikkunsidrat;**

Fuq ir-reat stabbilit mill-Ewwel Qorti, il-provi juru li waqt ġlieda bejn Giovanna Mifsud u Maria Vella, oħt Luccardo Vella, fejn l-imputata qabditha minn xagħarha u għamlitilha rasha mal-art, intervjena l-istess Luccardo Vella, u tant hu kemm oħtu ħadu parti attiva kontra Mifsud, li rriportat ksur ħafif f'idha tax-xellug, deskritt minn Dr. Sansone bħala offiża ta' natura ħafifa. L-imputat Vella u l-familjari tiegħu xehdu li hu mar biss biex iferraq, u Mifsud u missierha xehdu li huwa u l-imputata qabdu fiha u l-imputat dawrilha idha. Mill-kumpless tal-provi huwa assodat li anki l-imputat Vella ħa parti kontra Mifsud, mhux sempliċement biex iferraq, imma bħala parteċipanti fil-ġlieda. Infatti, qabel il-ġlieda ż-żewġ nisa kellhom xi jeħidu u l-imputat kien mar għand Mifsud għas-sodisfazzjon. Kif osservat l-Ewwel Qorti, ebda guffaġni ma rriżultat da parti tal-imputat kontra oħtu;

**Għal dawn il-motivi;**

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.